**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru tnejn u sittin (62) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tnejn, 4 ta' Lulju, 2016, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-6:15 pm

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretajru Ezekuttiv (SE) |
| Skużati: | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Nikolai Farrugia | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

1. Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku li qalet it-talba.

2. Kienu moqrija mis-SE il-minuti tas-seduta preċedenti li kienu wkoll iċċirkulati mal-agenda diversi jiem qabel, u dawn sarulhom il-korrezzjonijiet kollha li xtaqu l-kunsillieri preżenti kif indikat fuq il-kopja oriġinali u kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

3. Dwar il-**festa tal-Madonna tal-Ġilju** is-Sindku qalet li konna għamilna laqgħa dwar immaniġġjar tat-traffiku mal-Ispettur Charlotte Curmi u din qaltilna li kellhom isibu transport huma għall-barikati tal-pulizija. Intant il-kunsillieri qablu li kellna l-problemi bħal kull sena minħabba n-nuqqas ta' osservazzjoni tas-sewwieqa dwar id-devjazzjoni tat-traffiku, billi ma kellniex gwardjani f'Misraħ il-Fidwa. Is-Sindku qalet li l-LESA ma kienux *in-time* biex jaqilgħu il-gwardjani kollha rikjesti minħabba xi avvenimenti oħra. Hija madankollu sostniet illi sibna koperazzjoni kbira minn naħa tal-LESA u din l-ewwel esperjenza tagħhom se tgħin biex għal festa ta’ Sta Marija jkun hemm aktar ko-ordinament.

4. Il-KLM kellu kliem ta’ ringrazzjament għall-intervent ta’ Dr Stefan Zrinzo Azzopardi li bis-saħħa tiegħu issewwew l-*uplighters* taz-zuntier tal-Knisja għajr dawk tal-ġenb li jirriżulta li għandhom ħsarat kbar.

5. Issemmiet il-problema ta’ sid ta’ mejda tal-qubbajd li ilu jarma għal diversi snin fil-pjazza tal-Knisja għax jidher li dan ħa mill-ispazju li kellu sid il-*Pineapple Bar* li kellu l-permess sabiex ipoġġi l-imwejjed barra. Is-Sindku qalet illi billi kien hemm żieda fl-armar tal-festa dan ma ħalliex lil sid il-mejda tal-qubbajt jarma fejn kien imdorri jarma.

6. Is-suġġeriment sabiex madwar l-għalqa tan-nar jitpoġġew twissijiet sabiex il-pubbliku ma jidħolx fl-għelieqi, kien esegwit mill-ħaddiema tal-KLM billi twaħħlu n-notifiki.

7. Il-KLM iddiskuta ir-rifjut ta’ talba minn *Transport Malta,* sabiex ma jgħaddux trakkijiet ta’ ċertu piż kif ukoll ta’ ċertu toqol mil-parti d-dejqa ta’ Triq Valletta. Għal din id-deċiżjoni is-Sindku sostniet illi jekk nibdew nirċievu aktar talbiet mingħand is-sidien tal-propjetajiet għax isseħħ ħsara fuq il-faċċata tad-djar tagħhom, min-naħa tagħna se nirreferuhom lil *Transport Malta.*

8. Is-SE qed isib ir-*Requests for Payments* kollha tal-Perit Toni Bezzina u jiskanjahom *f'excel sheet* li għadda lill-kunsillieri kollha biex ikun ċertifikat li ma kienx hemm 'invoices doppji' qabel ma nirrevedu l-kreditur u nqabbluh mal-kotba.

9. Kienet installata l-Pabx tal-PAL fil-KLM u se ssir sistema ta' *hunting lines.*

10. Kien deċiż li titnaddaf Triq tas-Sejba minn Joe Farrugia għal €200 u Michel Farrugia semma' li hu importanti li dan isir sa meta tkun se tiftaħ il-Fiera l-Kbira li tiġbed ammont sostanzjali ta' nies lejn Triq Ħal Farruġ. Paul Spiteri qal illi hemm bżonn li tinqata' l-parti tal-ħarruba fi Triq Ħal Farruġ li ħarġet għal fuq it-triq.

11. Charlene Zammit talbet sabiex jitnaddaf l-Isqaq biswit iċ-ċimiterju li jwassal għal Ħal Millieri.

*12.* Issemma' l-bżonn li titwaħħal *sleeping policeman* viċin iċ-ċimiterju fi Triq Ħal Kirkop wara li konna issottomettejna it-talba biex titwaħħal oħra f'din it-triq quddiem ir-residenza *12, Little Angels.*

13. Issemmiet il-problema tad-diżlivelli fiċ-ċimiterju u l-bżonn li fih isiru rampi adekwati anke possibilment mhux mill-faċċata tiegħu.

14. Charlene Zammit talbet sabiex ir-reċipjent tal-iskart li twaħħal fi Triq il-Qrendi indaħħluh aktar 'il ġewwa u jersaq mal-ħajt.

15. Is-SE lesta l-abbozz tar-*Request for Proposal* sabiex jitla' iċ-ċentru ċiviku tal-Imqabba. Is-Sindku qalet illi dan jonqsu xi dettalji oħra u se tiltaqa' mas-Sur Macarthy ta' *Projects Malta* biex dan jagħtina parir. Hija qalet illi f'post bħal dan hu mportanti li wieħed jifhem illi f'Dar tal-Anzjani irid ikun hemm kċina, fejn jissajjar l-ikel, fejn jiddewwew u sala fejn jieklu – li se jieħdu spazju sostanzjali. *Child Care Centre* madankollu jservi wkoll sabiex l-impjegati jkunu jistgħu jieħdu wliedhom ix-xogħol u jħalluhom f'idejn tajba.

16. Kienet diskussa it-talba tas-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju fejn issa tħaffru toqob għal *bollards* fil-Pjazza tal-Knisja u l-kunsiderazzjoni tal-KLM sabiex iħaffer aktar minnhom biex ikun protett il-planċier tal-banda viċin il-ħanut tat-te.

17. Għall-istedina bil-fomm tas-Sindku ta' Affile, is-Sur Ercola Viri biex il-kunsillieri jitilgħu l-Italja għal festa, intqal li din hija waħda simili għal dik li saritilna is-sena l-oħra mid-delegazzjoni li lqajna wkoll fl-Isptar il-Qadim, fejn il-mistiedna tas-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju kienu wkoll taljani.

18. Issemmiet il-laqgħa li kellhom is-Sindku u s-SE mal-*Accountant* fejn dan intalab sabiex jippreżentalna figuri kif kapaċi nifmuhom aħna ħalli jservu ta' bażi għal-laqgħa li hija prevista fi tmiem din il-ġimgħa mad-Direttur Gvern Lokali, fuq talba tagħhom stess, biex nippjanaw kif se naqtgħu id-*deficit.*

19. Is-SE wieġeb lil Ms Henriette Putzulu Caruana, Assistent Direttur (Non-IAC Schemes) fi ħdan l-Aġenzija tal-Pagamenti għall-Agrikoltura u Affarijiet Rurali għall-*email* tagħha fejn din talbet €14,000 refużjoni fuq il-proġett ta' Miżura 313.

20. Michel Farrugia qal illi mhux sew illi tħallew l-iżbalji fl-artiklu tiegħu fil-fuljett u s-Sindku qalet illi fil-fatt lanqas Bord Editorjali din id-darba ma kellna minħabba li mhux kulħadd kien qed jaqbel mal-kontenut tal-artikli tal-kunsillieri.

21. Is-SE qassam kopja tar-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart 2016 li llum stess intbgħat lill-KLM mill-*Accountant*. Charlene Zammit qalet illi matul dawn l-ewwel tliet xhur il-KLM irreġistra bilanċ pożittiv ta' €6,000.

22. Issemmiet it-tweġiba tal-*Management Letter 2015* fejn reġa' ssemma' li l-udituri indikaw il-*going concern* u l-*performance bonus tas-SE*, fejn dwar dan tal-aħħar, il-ħlas sar wara li inħarġet l-approvazzjoni tad-DLG.

23. Michel Farrugia qal illi l-iżbir tal-arbuxxelli tas-*central strip* tal-*by-pass*, ma kellux isir fil-ġimgħa tal-festa fejn din iż-żabra tħalliet fit-triq u kien ta' skumdita' lir-residenti meta qam ir-riħ.

**KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

24. Charlene Zammit ipproponiet illi r-reċipjent tal-ħwejjeġ użati, għandu jitpoġġa fi Triq Valletta biswit il-kontenituri l-oħra tal-*Bring-in-Site*, mill-kumpanija REFAB. Dan se jkun ikkomunikat lil din il-kumpanija. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

25. Charlene Zammit tkellmet fuq l-istima li kienet ippreżentata lill-KLM biex isir ir-restawr tan-niċċa tad-Duluri fi Sqaq numru 2, Triq il-Lanġasa għas-somma ta' €875 eskluż il-VAT, il-ħlas tal-perit u l-*iscaffolding*. Dwar dan ir-restawr Michel Farrugia ta l-parir illi jkunu involuti Wirt Artna.

26. Charlene Zammit tkellmet dwar l-*e-mail* li rċevejna mingħand in-Nursery tal-Futbol tal-Imqabba sabiex tingħatalhom l-AED. Il-KLM qabel unanimament illi din tingħata lilhom. Fuq suġġeriment ta' Paul Spiteri din ser tiġi ppreżentata fit-22 ta' Lulju waqt il-*players' meeting*. Intant din se tinqata' minn fuq l-*Asset Register* tal-kotba tal-KLM.

27. Is-SE kien mitlub sabiex joħroġ il-*Purchase Order* biex is-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju tagħmel is-servizz ta' daqq nhar it-22 ta' Ottubru, 2016 fl-Iskola Primarja tal-Imqabba, f'Jum l-Imqabba 2016. Intant kien hemm proposta tas-Sindku sabiex l-għada nerġgħu nagħmlu l-attivita' kulturali *Festa Ravjul*. Is-Sindku qalet illi għandna nagħtu l-opportunita' lil tal-kazini inkluż dawk politiċi sabiex kull kazin ibiegħ ir-ravjul ħalli jgawdu l-għaqdiet tal-lokal. Dwar dan kien hemm qbil unanimu

28. Dwar il-bankina fi Triq Karmenu Ciantar, Charlene Zammit qalet illi ċemplitilha mara li allegat li waqgħet mara tqila fuq parti tal-bankina li tiżloq u li tinsab viċin il-ħanut tal-ħaxix fi Triq id-9 t'April, kantuniera ma' Triq Karmenu Ciantar. Il-Kunsill ser jara x'jista' jsir biex titranġa wkoll din il-parti tal-bankina.

29. Michel Farrugia semma l-bankina li waqgħet fuqha ommu, fi Triq il-Kileb għax din tiżloq ħafna. Charlene Zammit qalet illi jekk jistgħu jirranġawha l-ħaddiema tagħna.

30. Is-Sindku talbet lis-SE sabiex tinxtehel iz-*zebra crossing* ta' quddiem l-*istage* tal-*by-pass* li hemm fis-*Service Road* għax din inqatgħetilha il-lampa. Hija uriet il-preokkupazzjoni tagħha għal periklu li hemm bl-oħra perikoluża fuq il-Mentna, għaliex din hija mingħajr dawl xejn għaliex m'għandiex wires mgħoddijin minn taħt l-art. Dwar dan, is-SE kien mitlub jikteb lil Transport Malta.

31. Kien hemm qbil sabiex issir mill-ġdid is-*sleeping policeman* fi Triq tas-Sejba qabel ma toħroġ għal fuq il-Mentna. Intant kien suġġerit sabiex issir laqgħa urġenti ma *Transport Malta* biex it-*terminus* ta' Triq Karmenu Ciantar ikun irtirat għal Triq il-Qrendi mill-aktar fis.

32. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba qiegħed jirrakkomanda lill-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali sabiex il-post tal-Kunsillier Michel Farrugia li falla mil-laqgħat tal-Kunsill, ma jkunx dikjarat vakanti. Dan għaliex il-Kunsill Lokali tal-Imqabba ħass li l-assenza tiegħu kienet ġustifikata.

33. Is-SE fakkar li nhar is-7 ta' Lulju qed tkun proposta laqgħa mal-*istake holders* kollha tal-proġett tat-turisti magħruf bħala *Meet the Locals*. Din il-laqgħa se ssir fl-Isptar il-Qadim.

34. Infetħu l-Bids tal-ġbir tal-iskart tar-riċiklaġġ. Dawn se jkunu *scannjati* u mogħtija lill-Kunsillieri ħalli jevalwawhom qabel il-laqgħa li jmiss tal-KLM. Il-*bids* huma ta' GreenMt u Greenpak Co-op.

35. Dwar il-ħarġa li jmiss tal-fuljett, skedata għal bidu ta' Awwissu, s-Sindku tat il-parir sabiex l-artikli tal-kunsillieri jidħlu sa nhar ġimgħa d-dieħla. Hija talbet sabiex fil-faċċata ta' quddiem jidhru l-iskrivati lebsin l-uniformi l-ġdida peress li dawn ħadu parti mill-budget tal-KLM.

36. Se nitolbu wkoll lil Transport Malta sabiex tagħmel il-linji l-bojod fi Triq tas-Sejba għaliex din it-triq illum il-ġurnata qed titqies bħala waħda arterja minħabba l-ammont ta' vetturi li qed jgħaddu minnha. Dan wara li l-istima tal-*Payment Approval Sheet* numru 518 item 6 ma kienetx approvata. Inqatgħu ukoll items 2 u 8 u l-kumplament kienu approvati unanimament.

37. Se nwaħħlu l-*bollard* f'nofs Sqaq Ħal Qormi wara li kienet approvata minn Transport Malta, se nsegwu l-każ tal-*yellow lines* mitluba quddiem l-entratura fi Triq Valletta quddiem Galletta Garages, u s-*sleeping policeman* fi Triq Ħal Kirkop.

38. Din il-laqgħa ntemmet fid-21.15 u l-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-25 ta' Lulju.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 25-7-2016 minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Eżekuttiv Sindku